MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2007

Numru 978/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**v**

**MALCOLM MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MALCOLM MIFSUD** ta' ghoxrin sena bin Michael u Mary Rita nee Camilleri, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Marzu 1985 u residenti ‘Navillus’, Flat 4, Triq Lapsi, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 230785M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fil-lejl ta’ bejn t-tletin w il-wiehed u tletin ta’ Marzu 2005 mill-hanut bl-isem “Maxim’s Junior”, sitwat fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ flus kontanti w oggetti ohra ghad-dannu ta’ Paul

Caruana mill-Gzira, liema reat huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elf lira maltin u bil-hin;

2. talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

3. talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli gha-dannu tal-istess Paul Caruana liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta' Ottubru 2006 [fol 63], sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006 [fol 64] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Rat wkoll l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 2005 [fol 20], liema esperti hemm nominati gew konfermati minn din il-Qorti kif preseduta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2007.
Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta ta' Frar 2006 **xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 15] fejn qal li fit-tletin ta' Marzu 2005 kien *duty officer* meta gie nfurmat li kien hemm serqa mill-hanut maghruf bl-isem "Maxims Junior" li hu sitwat fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u beda l-investigazzjonijiet tieghu rigward dan il-kaz u fil-kors ta' l-investigazzjonijiet gie

avvicinat b'mod kunfidenzjali w infurmat li l-imputat kien il-persuna li wettaq dan id-delitt.

Ghalhekk zied jghid x-xhud, hass il-bzonn li jinforma lill-Magistrat Inkwerenti b'dawn l-izviluppi u talbu permezz ta' rikors, jahtar espert biex jiehu l-impronti digitali tas-suspettat, kif ukoll biex jaghmel il-komparazzjonjiiet necessarji u fil-fatt inhatar PS 1374 Edgar Dalli biex jittehdulu dawn l-impronti digitali u lil Ivan Portelli biex jaghmel il-komparazzjonijiet necessarji, u dan skond digriet tal-Magistrat Inkwerenti datat sittax ta' Gunju 2005 [vide fol 87 tal-process verbal].

Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, kien gie nfurmat mill-Magistrat Inkwerent li kien hemm *positive fit*, kienu jaqblu u ghalhekk ressaq lill-imputat odjern quddiem il-Qorti.  Ix-xhud esebixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat wara li nghata s-solita twissija, fejn kien nnega l-partecipazzjoni tieghu u hu sahansitra anke hadu fuq il-post biex jurih fuq liema post kien qed jitkellem dwaru.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehdet l-Ispettur Therese Sciberras** [fol 21] fejn wara li rat r-rapport maghmul minnha stess, ikkonfermat il-firma taghha fuqu w ikkonfermat wkoll l-kontenut tieghu.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed PS 46 Charlot Casha** [fol 23] fejn qal li hu kien nominat fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar nhar il-wiehed u tletin ta' Marzu 2005 rigwardanti inkjesta fuq allegat serq minn hanut maghruf bl-isem "Maxim's Junior", sitwat fi Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar.  Meta gie muri r-relazzjoni esebita f'dawn l-atti a fol 11 et seq tal-process hu kkonfermaha fl-intier taghha u zied jghid li ma kellu xejn x'ibiddel fil-konkluzjoni tieghu hemm imsemmija.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed PS 1374 Edgar Dalli** [fol 25] fejn qal li hu gie moghti l-inkarigu mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar b'digriet tieghu tas-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2005 [fol 58 tal-process

verbal] sabiex jiehu l-impronti digitali ta’ Malcolm Mifsud. Meta gie muri zewg faxxikoli esebiti f’dawn l-atti mmarkati bhala Dok MM 1 u MM 2 a fol 35 u 36 fl-atti ta’ l-inkjesta, hu kkonferma li dawk gew mehuda minnu.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Marzu 2006 **xehed Paul Caruana** [fol 27] fejn qal li hu propjetarju tal-hanut li jismu “Maxim’s Junior”, sitwat fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, mill-liema hanut ibiegh pastizzi u xi affarijiet ohra ta’ l-ikel. Qal li hu safa vittma ta’ serq mill-hanut tieghu hames darbiet u fost l-affarijiet li nsterqulu, kien hemm il-magna tas-sigaretti u flus. Qal li fil-fatt kienu jidhlulu minn wara billi jisgassaw it-tieqa ta’ l-*aluminium,* inehhu l-firroll tax-*shutter* u jidhlu jiehdu l-affarijiet minn gewwa.

Wara li giet moqrija lilu x-xhieda li taha quddiem l-espert nominat mill-Qorti fl-inkjesta, Dottor Richard Sladden in konnessjoni ma din is-serqa nhar l-ewwel ta’ April 2005, li tinsab a fol 50 ta’ l-atti ta’ l-inkjesta, x-xhud ikkonfermha u zied jghid li ma kellu xejn xi jzid jew ibiddel fiha.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Marzu 2006 **xehed PS 836 Alexander Taliana** [fol 29] fejn qal li jiftakar li tul l-investigazzjoni dwar is-serqa li sehhet fil-pastizzeria maghrufa bl-isem “Maxims Junior”, f’San Pawl il-Bahar, kien ingieb l-imputat, presenti fl-awla is-CID u sussegwentement kien akkumpanja lil imputat fuq il-post sabiex ikun jaf fuq liema post ser jigi investigat.

Ix-xhud zied jghid li fit-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2005, wara li l-istess imputat nghata s-solita twissija mill-Ispettur Carmelo Magri, ttiehditlu stqarrija li ghaliha kien ukoll presenti hu, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti mmarkata bhala Dok. CSH 2 a fol 10 ta’ l-atti tal-process. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu kif wkoll tal-Ispettur Carmelo Magri fuqha u zied jghid li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex.

Illi nhar t-tlettax ta’ Settembru 2006 **xehed Ivan Portelli** [fol 55] fejn qal li nhar s-sittax ta’ Gunju 2005 hu kien gie nominat bhala espert ta’ l-impronti digitali sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn id-dokument 5BCG301 u l-impronti digitali u tal-pali ta’ l-idejn ta’ l-imputat prezenti fl-

awla.  Hu esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. IF.  Zied jghid li r-rizultat huwa wiehed posittiv fis-sens li kien hemm marka tas-sekwenza ta' tlett iswaba li giet identifikata mas-saba werrej, saba tan-nofs u tac-curkett ta' id ix-xellugija ta' l-imputat.

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2006 **xehed PC 465 Daniel Abela** [fol 57] fejn qal li hu kien gie nominat fl-att ta' l-inkjesta dwar allegat serq minn hanut maghruf bl-isem "Maxim's Junior" sitwat fi Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il–Bahar nhar il-wiehed u tletin ta' Marzu 2005 mill-Magistrat Inkwerenti Dottor Joseph Cassar.  Qal li mieghu kien gie nominat wkoll PS 46 Charlo Casha.  Meta gie muri ir-relazzjoni tieghu esebita bhala Dok SOCO, ix-xhud ikkonferma l-konkluzjoni tieghu hemm raggunti u zied jghid li ma kellu xejn x'ibiddel fihom.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed Dottor Richard Sladden** [fol 65] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti ta' l-inkjesta dwar allegat sgass u serq mill-hanut bl-isem ta' "Maxim's Junior" sitwat fi Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2005 mill-Magistrat Inkwerenti Dottor Joseph Cassar. Meta gie muri r-relazzjoni tieghu nserita fl-atti tal-process, hu kkonfermaha fl-intier taghha u zied jghid li ma kellu xejn x'ibiddel jew izid maghha.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed PS 959 Jason Spiteri** [fol 67] fejn fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2005, waqt li kien stazzjonat fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra, kien ircieva rapport minghand Paul Caruana li hu kien mar gewwa l-fond li huwa ghandu maghruf bl-isem "Maxim's Junior" li jinsab fi Triq San Pawl il-Bahar u sab sgass u ra s-serratura tax-*shutter* nieqsa.  Ix-xhud zied jghid li ghalhekk mar fuq il-post fejn sab li kien hemm tieqa miftuha u dahal minn go fiha. Hu nnota li l-*counter* bit-*tray* tal-pastizzi kien imharrek mill-post.  Paul Caruana qal lix-xhud li kien sab xi mitt lira nieqsa mill-fond.  Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala Dok PS.

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoi qed tibbaza l-kaz taghha biss fuq s-sejba tal-impronti digitali tal-imputat fil-fond li gie derubat w ghalhekk, a bazi ta' din il-prova xjentifika li l-prosekuzzjoni qed tinsisti fuq l-htija tal-imputat.

Essendo post pubbliku li gie misruq, il-Qorti, kellha taghmel stharrig profond sabiex tara jekk il-post fejn instabu l-impronti digitali, kienx wiehed accessibbli ghal pubbliku jew le, sabiex tara jekk jistax ikun hemm gustifikazzjoni ghal tali sejba, w in oltre, xi spjegazzjoni li ta l-imputat sabiex ikollu l-impronti digitali tieghu fuq il-post.

Illi skond r-relazzjoni ta' PC 465 Daniel Abela, jirrizulta li huwa ghamel ezamijiet ghal xi evidenza t'impronti digitali permezz ta' *powders* u pniezel rispettivi f'dawk il-postijiet kollha li kienu relavanti. Irrizulta li f'din it-tfittxija nstabu diversi marki, liema marki gew elevati w individwalment iddokumentati skond l-kodici tal-laboratorju forensiku u deskritti kif gej. Gie elevat *lifter* minn fuq il-hgiega tal-gemb tal-*counter* marmkata bhala dokument 05 BCG 301.

Illi minn ezami tar-relazzjoni ppresentata mill-espert Ivan Portelli quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dottor Joseph Cassar nhar t-tnax ta' Dicembru 2005, jirrizulta li dan l-espert ha l-impronti digitali tal-imputat li gew immarkati bhala dokument MM 1 [fol 85 tal-process verbal] u hu ghamel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali w il-*lifter* misjub fuq x-xena tad-delitt u cioe mad-dokument 05 BCG 301.

Illi dan l-espert Ivan Portelli kkonkluda li meta d-dokument 05 BCG 301 gie mqabbel mas-saba l-werrej, s-saba tan-nofs u s-saba tac-curkett tal-id x-xellugija tal-imputat Malcolm Mifsud, irrizulta li l-linji suwed fuq dawn iz-zewg ritratti juru l-punt karatteristiku bejn d-dokument 05 BCG 301 w id-dokument MM 1 u hemm qbil perfett.

Illi l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel, pero a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe fit-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2005, huwa rrilaxxja

stqarrija, liema stqarrija tinsab esibita w immarkata bhala dokument CSH 2 a fol 10 tal-atti processwali.

Mistoqsi jghid jekk qattx dahal fil-hanut mertu ta’ din il-kawza, liema hanut kien gie muri lilu qabel, l-imputat jghid li ma jiftakarx jekk qattx dahal fih.

Mistoqsi kellux xi konnesjoni ma sid il-post, l-imputat iwiegeb li lanqas biss jaf lil sid il-hanut.
Mistoqsi jekk qattx hadem xi bicca ghamara jew bicca xoghol ghal dan il-hanut, l-imputat iwiegeb b’mod kategoriku li le.

Mistoqsi jekk seraqx minn dan il-hanut, l-imputat iwiegeb fin-negattiv.

Illi fid-dawl tal-istqarrija tieghu, l-imputat wara li gie rinfaccat bil-prova tal-prosekuzzjoni li fil-fond kien hemm impronti digitali tieghu, m’ghamel xejn sabiex jipprova idghajef l-prova tal-prosekuzzjoni billi jittanta jaghti spjegazzjoni ghal dan.

Illi l-imputat qatt ma qal li kien dahal fil-hanut sabiex jiggustifika l-presenza tal-impronti digitali tieghu fuq il-gemb tal-bank tal-hanut, kif kien jispetta lilu jipprova.

Ikkunsidrat ulterjorment:
Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-impronti digitali ttiehdu b’mod regolari u skond l-ligi w huma ammissibbli bhala prova.

Stabbilit dan il-punt, u cioe l-ammissibilita tal-konkluzzjonijiet tal-esperti tal-impronti digitali, wiehed irid jara jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslux ghal htija tal-akkuzat dwar r-reati.

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika.

"*That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond*

*the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*" (**Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.**)

Is-success fl-impront digitali ghar-risultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni, l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precisjoni, liema dover jaqa fuq l-espert nominat mill-Qorti. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena** ***deciza fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1996.*** Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it"* kif sostna **Francis Galton**.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri** ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998:***

"*Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova.*"

Id-Difiza ghamlet referenza ghal sejba t'impronti digitali f'hanut f'kawza li giet deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali.*** Din il-Qorti thoss il-htiega li taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Magistrati*** fil-kawza fl-isimijiet **Il-Pulizija v Victor Gatt** ***nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999***. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Il-Qorti taqbel ma dik s-sentenza fic-cirkostanzi tal-fatti li kellha quddiemha ghalkemm setgha kien il-kaz li dak l-imputat kien mess il-flixkun qabel ma spicca fil-hanut. Pero din is-sentenza ma tfissirx kif dan l-Avukat Difensur jrid jfisser u cioe li l-prova ta' fingerprints wahedha mhux bizzejjed biex titqies bhala prova cirkostanzjali ghas-sejba ta' htija. Fil-fatt fis-sentenza moghtija ***fit-tletin ta' Gunju, 1998*** fl-ismijiet **il-Pulizja v Emanuel Camilleri** gie deciz li

"… *f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza*."

Fil-fatt **fl-Ingilterra** fil-kaz ***R v Castletan (3 Cr App R - 74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97 )*** gie deciz li:
"*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Anthony Abela** fejn dik il-Qorti sostniet li:

"*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xorb, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn*

*huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints*."

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-*fingerprints* misjuba, ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond jew setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra.

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu ***Forensic Medicine*** [$6^{th}$ Edition pagna 19]:

"*Glanton estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger.*"
Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra:**

"*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova* <u>*wahda*</u> *jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' April, 1982*** fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Emanuel Previ,** dik il-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi ta' serq addebitati lilu peress li ma tax spjiegazzjoni ta' kif instabu l-impronti digitali tieghu fuq s-*shutter* tal-fond misruq meta l-imputat kien innega li kien qatt mess dak ix-*shutter*.

Hawnhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghaliex l-impronti digital ital-imputat nstabu mal-bank fil-

hanut u meta gie mistoqsi jekk qattx dahal fil-hanut, l-imputat wiegeb li ma jiftakarx u ghalhekk m'irnexxielux jgheleb din il-presunzjoni li hu kellu favur tieghu.

Ghalhekk il-Qorti thoss li din l-prova wahedha hija wahda li tikkonvinciha sabiex tasal li ssib lil imputat hati tal-akkuzi.

Din il-Qorti ma haditx pjacir tisma lil Avukat Difensur jghid li din il-Qorti m'ghandhix tqis li l-individwu huwa imputat li ghandu fedina penali b'xi reati registrati fuqha biex tinfluwenzha fil-gudizzju taghha.

Il-Qorti taghmilha totalment cara daqs il-kristall li huwa principju fundamentali u kardinali li dejjem jigi osservat bl-ikbar ghozza u skruplu li persuna hi min hi, li tkun ghaddejja process kriminali, hija presunta innocenti u ghandha tinstab hatja jew mhux hatja <u>biss u esklussivament</u> fuq il-provi li jirizultaw mill-atti tal-procediment.  Anke jekk l-akkuzat ikun persuna notorja mal-Pulizija, fil-kamp legali u fis-socjeta in generali ghal hajja kriminali taghha, dan l-fatt qatt ma b'xi mod ma jinfluwenza lil Qorti.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 9 tal-atti markata bhala document CSH 1 u rat li hemm tlett kazijiet registrati fuqha dwar ksur ta' xi regolamenti tat-traffiku u t'ordinanza tal-assikurazzjoni meta nghata twiddiba u multa.

Rat wkoll li l-imputat ghadu qatt ma ha sentenza ta' prigunerija w ghalhekk il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi, il-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija sospiza u dan sabiex ikollha l-effett ta' mannara fuq ras l-imputat sabiex izomm 'l boghod mill-hajja tal-kriminalita u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 334, 325(1) u 533  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat MALCOLM MIFSUD <u>hati tal-akkuza ta' serq</u>**

**<u>kif aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin</u> filwaqt li tiddikjara li <u>ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra</u> u tilliberah minnhom.**

**Ghalhekk, il-Qorti qed tikkundanna lil imputat MALCOM MIFSUD ghal piena ta' sentejn [2] prigunerija sospizi ghal perjodu ta' erbgha [4] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre, qed taghmel ordni ta' supervizjoni ai termini tal-artikiolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu kollu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notfikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kandidat idoneju ghal tali supervizzjoni.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe PC 46 Charlot Casha, PC 465 Daniel Abela, Dottor Richard Sladden u Ivan Portelli fl-ammont komplessiv ta' mitejn tlieta w sittin lira u hames centezmi [LM 263.05] u dan fi zmien sitt [6] xhur mill-lum, liema somma, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin u jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames [5] liri dovuta.**
**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lil imputat wara li spjegat fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Consuelo Scerri Herrera LL. D.**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**V**

**MALCOLM MIFSUD**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum,……………………….. 2007**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **MALCOLM MIFSUD gie kkundannat** ghal **piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lil imputat probationer, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess probationer wera li jrid jhares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **MALCOLM MIFSUD** ta' ghoxrin sena bin Michael u Mary Rita nee Camilleri, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 1985 u residenti 'Navillus', Flat 4, Triq Lapsi, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 230785M **jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' erbgha [4] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta' tlett snin imputat ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u

joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-imputat ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer ikun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. Illi l-imputat ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. Illi l-imputat ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation; u

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond s-sub artikolu 7(8) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.**

…………………………..
**MALCOLM MIFSUD**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------